



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2003/0132A(NLE)

16.6.2011

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Atena dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tagħha (08663/2011 – C7-0142/2011 – 2003/0132A(NLE))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Brian Simpson

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Atena dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tagħha (08663/2011 – C7-0142/2011 – 2003/0132A(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08663/2011),
 - wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2), l-Artiklu 218(8), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0142/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0000/2011),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-adeżjoni għall-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Daħla

L-adeżjoni għall-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom hija kwistjoni li ilha pendenti, li tiġi segwita mill-UE u mill-Parlament Ewropew b'mod partikolari.

Il-Konvenzjoni nnifisha hija tal-1974 u s-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri u d-drittijiet tal-passiġġieri huma ċentrali fiha. Madankollu, tqies li l-Konvenzjoni rregolat b'mod insuffiċjenti għadd ta' kwistjonijiet sostantivi, inkluża n-natura u l-portata tar-responsabilità tat-trasportaturi u r-rekwiżiti minimu dwar l-assigurazzjoni.

Taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), il-Protokoll, li ġie adottat fl-1 ta' Novembru 2002, emenda l-Konvenzjoni ta' Ateni b'mod illi din saret tissodisfa elementi ewlenin bħar-responsabilità f'każ ta' tort jew negliġenza min-naħa tat-trasportatur, assigurazzjoni obligatorja u d-dritt li wieħed iressaq ilment direttament kontra l-assigurat. Il-kumpens għal danni b'rabta mat-terroriżmu huwa indirizzat mil-Linji Gwida IMO u b'riserva għall-Protokoll.

Meta jitqies li l-parti l-kbira tal-elementi mixtieqa mbagħad kienu koperti mill-Protokoll, il-Kummissjoni pproponiet fl-2003 li l-Komunità Ewropea ssir parti kontraenti tal-Protokoll tal-2002 u li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istess. Madankollu, in-negozjati fil-Kunsill dwar il-konklużjoni ġew sospiżi, u ssoktaw mill-ġdid biss fl-2007.

Fid-dawl tal-konklużjoni tal-Protokoll u bl-għan li jiġu inkorporati l-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet sostantivi fil-liġi tal-KE, il-Kummissjoni ppreżentat Regolament kumplimentari f'Novembru tal-2005 dwar ir-responsabilità tat-trasportaturi bil-baħar tal-passiġġieri f'każ ta' inċidenti. Wara erba' snin ta' negozjati diffiċli, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 392/2009 fit-23 ta' April 2009, li se jkun applikabbli mhux iktar tard mill-2013.

F'Novembru 2010, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni fejn tqiesu t-tibdiliet li saru mill-2003.

L-adozzjoni tar-Regolament Nru 392/2009 tfisser li l-Unjoni issa għandha l-kompetenza esklussiva li taderixxi għall-Protokoll ta' Ateni sa fejn huma kkonċernati l-kwistjonijiet koperti mir-Regolament.

L-aspetti l-oħra kollha tal-Protokoll li mhumiex koperti mir-Regolament huma l-kompetenza tal-Istati Membri. Eżempju: Dispożizzjonijiet dwar is-setgħa li jiġu ffixati limiti oġġla ta' responsabilità minn dawk previsti mill-Protokoll. Il-Ftehim huwa għalhekk ftehim imħallat u għandu jiġi ratifikat mill-Istati Membri.

Sabiex jinkiseb qafas legali koerenti madwar l-Unjoni, kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom iħejju d-depożitu simultanju tal-istrumenti ta' ratifika jew ta' adeżjoni tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2011, jekk dan ikun possibbli.

Bażi legali

Bosta mid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jikkonċernaw kwistjonijiet ta' trasport bil-baħar, li hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni għażlet l-Artikolu 100 TFUE bħala l-unika bażi legali għall-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill, għall-kuntrarju ta' dan, iddeċieda li jaqsam id-Deċiżjoni f'żewġ atti separati, wieħed għat-trasport (Artikolu 100) b'rabta mal-adeżjoni għall-Protokoll bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu, u wieħed għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet ċivili (Artikolu 81) b'rabta mal-adeżjoni għall-Protokoll fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu. Skont il-Kunsill, il-firda tal-bażi legali hija ġustifikata mill-fatt li l-Artikoli 10 u 11 tal-Protokoll jirregolaw kwistjonijiet li jaffettwaw regoli tal-Unjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u t-tisħiħ ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Dawk id-dispożizzjonijiet jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. B'konsegwenza ta' dan, u bi qbil mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11. Id-Danimarka se tkun marbuta b'dawn l-Artikoli tal-Protokoll unikament bħala Parti Kontraenti separata.

Fil-mument meta jiġi ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni, l-Unjoni għandha tagħmel dikjarazzjoni ta' kompetenza dwar il-kwistjoni.

Fir-rigward tal-proċedura li tapplika f'każ ta' ftehimiet internazzjonali, l-adeżjoni għall-Protokoll għandha titressaq għall-approvazzjoni tal-Parlament.

L-Artikolu 218 (6) (a) tat-TFUE japplika kif xieraq.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Parlament għandu jieħu deċiżjoni dwar ftehimiet internazzjonali permezz ta' votazzjoni unika, u ma tista' tiġi ppreżentata l-ebda emenda għall-ftehim innifsu.

Fuq il-bażi tal-fatt li l-Kunsill adotta żewġ atti separati b'rabta mal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll, il-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu fil-qafas ta' żewġ riżoluzzjonijiet, waħda mressqa mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-oħra mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

Abbażi ta' dan kollu li ssemma hawn fuq, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu għandu jagħti opinjoni favorevoli dwar il-konklużjoni ta' dan il-ftehim.